SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 3209**

Illum il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2009

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fis-6.00pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3109 li saret nhar it-Tlieta, 25 ta' Awissu 2009 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Sinjali tat-traffiku f'Post il-Gladjoli*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 4.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsa meta ser isiru l-emendi fis-sinjali tat-traffiku li saru f'Post il-Gladjoli u jsiru l-*parking bays* fi Triq l-Istefanotis. Is-Sindku qal li ser jiltaqa' mal-kuntrattur biex jara x'hemm bżonn isir.

### 1.1.2 *Ftuħ ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill fil-ġranet tas-Sibt*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għal minuta 3.1 u staqsiet meta l-Uffiċċju tal-Kunsill ser jibda jiftaħ nhar ta' Sibt u jekk hux ser jintbagħt xi avviż lir-residenti. Is-Sindku qal li jekk ma jkunx hemm struzzjonijiet oħra mid-Dipartiment il-Kunsill ser jibda jiftaħ mis-Sibt, 3 ta' Ottubru 2009 u ser jinħareġ avviż fuq in-*notice boards*.

### 1.1.3 *Inizjattiva Lokalitajiet Indaf*

Saret referenza għall-iskema ta' kotba li qed jingħataw lit-tfal li qed jipparteċipaw f'din l-iskema. Il-Kunsill qabel li kull parteċipant irid ikun minn Santa Luċija u jingħata sa massimu ta' żewġ kotba biex b'hekk jingħata ċans lil kulħadd.

### 1.1.4 *Access Audit*

Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 3.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk saritx stima tax-xogħol involut biex ir-rampi ta' Pjazza 7 ta' Lulju jsiru kif qed tirrakkomanda l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'. Is-Sindku qal li hemm xogħol intensiv involut u l-perit ser iħejji stima li tintbagħt għall-attenzjoni tal-KNPD.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-25 ta' Awissu 2009 u l-25 ta' Settembru 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 ***Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill***

#### 2.2.1 ***Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- 1164/09/O – *Police Traffic Branch* – Ħruġ minn Xintill *Roundabout*
- 1190/09/O – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA) – Servizz ta' *Green Wardens*
- 1223/09/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 46/2009
- 1189/09/O – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *Letter of Intent*

#### 2.2.2 ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1125/09/I – *Primary Health Department – Seasonal Flu Influenza Vaccine*
- 1208/09/I – *Police Traffic Branch* – Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill *Roundabout*
- 1234/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 52 - Skema dwar Inizjattivi Sportivi - 2010
- 1235/09/I – *Caring for Children in the Community – "Around the Island in 365 days"*
- 1238/09/I – Mepa – *Urban Improvement Fund*
- 1240/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Premju Lokalitajiet Indaf

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- *Memo* SLLC 18/2009 – Konferenza f' Lumpiaque fl-15 u t-19 ta' Ottubru 2009
- Memo SLLC 19/2009 – Ftuħ ta' l-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1125/09/I il-Kunsill ġie nfurmat li diġa hemm aktar minn 400 persuna li nkitbet biex tingħata t-tilqima ta' l-influenza mill-uffiċċju tal-Kunsill.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1208/09/09 is-Sindku nforma l-Kunsill li s-Supretendent Zammit, mill-*Police Traffic Branch,* kien lest li jerġa' jiltaqa' mal-Kunsill fil-preżenza ta' rappreżentant mill-ADT. Għaldaqstant għandha tiġi kkordinata laqgħa u jiġu ordnati xi sinjali tat-traffiku skond ir-rakkomandazzjoni tas-Supretendent Zammit.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1234/09/I il-Kunsill iddiskuta *memo* 52/2009: Skema dwar Inizjattivi Sportivi għas-sena 2010. Il-Kunsilliera Paulette Gafa` pproponiet li l-Kunsill għandu jipparteċipa bl-inizjattiva li jagħmel *skate board platform* kif kienu pproponew xi żgħażagħ minn Santa Luċija. Il-perit tal-Kunsill għandu jintalab jagħmel il-pjanti u stimi għal din l-inizjattiva.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1235/09/I għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti tal-*Caring for Children in the Community* dwar l-inizjattiva "*Around the Island in 365 days*".

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1238/09/I il-Kunsill qabel li jiġu ordnati l-bankijiet għal *picnic area.* L-ispiża nvoluta ser tiġi koperta mill-*Urban Improvement Fund* tal-Mepa.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1240/09/I il-Kunsill qabel li joħroġ stqarrija dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fil-kampanja "Premju Lokalitajiet Indaf".

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Green Challenge Award*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill ta' Santa Luċija ġie *shortlisted* ma' l-aħjar għaxra fl-inizjattiva *Green Challenge Award.*

### 4.2 *Green Communities*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-applikazzjoni għal fondi taħt il-programm ta' Unjoni Ewropea: *'Life+Information and Communication Programme'.* Huwa qal li kien iffirma *Letter of Intent* biex f'każ t' approvazzjoni għal dawn il-fondi l-Kunsill ikun jista' jaħdem fuq proġett t' effiċjenza fl-enerġija fil-bini amministtrativ tal-Kunsill.

### 4.3 *Servizz ta' Green Wardens*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li saret ma' kumpanija li tipprovdi servizz tal-*green wardens,* li spjegaw kif taħdem is-sistema ta' kiri ta' *green wardens* mill-Mepa u spjegaw ukoll ir-rati ta' ħlas marbuta ma' dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li jinkera dan is-servizz tmien sigħat fil-ġimgħa maqsuma fuq jumejn għal tlett ġimgħat. Huma qablu wkoll li waqt dan is-servizz għandha tingħata attenzjoni partikolari lil Triq il-Prinjoli kantuniera ma' Trejqet Garnaw, Triq il-Kamelja ma' Triq id-Dalja, Triq iż-Żnuber u Pjazza Dorell kantuniera ma' Triq il-Gardenja ħdejn l-ispiżerija. Kien hemm qbil ukoll li l-*green wardens* m'għandomx ikunu libsin uniformi iżda ħwejjeġ pajżana.

### 4.4 *Report dwar il-Management Letter*

Is-Sindku ppreżenta rapport li tħejja bi tweġiba għal *management letter* li ntbagħtet mill-awditur wara li sar l-*audit* għas-sena finanzjarja 2008-2009. Is-Sindku qara u spjega dak kollu li kien hemm fir-rapport.

### 4.5 *Applikazzjoni għal Fondi Speċjali*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet ġiet sottomessa applikazzjoni għal fondi speċjali bil-proġett "Masġar Karl Chircop". Huwa qal li kif kien intqal fil-laqgħa preċedenti il-perit tal-Kunsill kien ħejja l-istima ta' dan il-proġett li tammonta għas-somma ta' €96,313.19.

### 4.6 *Parteċipazzjoni fi Proġett għaż-Żgħażagħ*

Il-Kunsilliera Paulette Gafa` infurmat lill-Kunsill dwar inizjattiva li ħadet biex numru ta' żgħażagħ minn Santa Luċija jipparteċipaw fi proġett ta' l-Unjoni Ewropea bl-isem ta' *"Hot Dreams in Cold Areas"* li ser isir fit-Turkija, li hija wkoll il-*Lead Partner* fuq dan il-proġett.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 2761 sa numru BOV 2801 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Awissu 2009 (CM32(01).

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 3109.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Awissu 2009 | Ammont *Gross* | €4,438.20 |
| Salarji għax-xahar ta' Settembru 2009 | Ammont *Gross* | €4,801.59 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Talbiet dwar Kumpens (Expense Claims)*

| | | |
|---|---|---|
| Frederick Cutajar (Sindku) | (ADSL - Lulju 09) | €20.33 |
| Frederick Cutajar (Sindku) | (Użu ta' trasport pers.-Lulju 09) | €39.20 |
| Frederick Cutajar (Sindku) | (Użu ta' trasport pers.-Awissu 09) | €29.40 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu ta' mob.pers.-Awissu 09) | €38.28 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | (Użu ta' mob.pers.-Awissu 09) | €35.00 |

### 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Ref: | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | SS57/09/01 | Serv. Awissu 09 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | SS57/09/01 | Ext. Serv. Awissu 09 | 755.00 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | Serv.Awissu 09 | 2477.60 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv. Awissu 09 | 2061.50 |
| Nexos Street Lighting | Str.Lighting | Inv.2008456 | 423.48 |
| Nexos Street Lighting | Str.Lighting | Inv.2008435 | 204.26 |
| Cleansing Serv. Dept. | PC57 | Extra Serv. Awissu 09 | 726.88 |
| Cleansing Serv. Dept. | PC57 | Serv. Awissu 09 | 507.73 |
| Nexos Str. Lighting | Str.Lighting | Inv.2008470 | 709.10 |
| Nexos Str Lighting | Str.Lighting | Inv.2008453 | 347.12 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Awissu 09 | 93.86 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-ES Awissu 09 | 67.02 |
| Vodafone Malta Ltd. | 316653 | CM-Mayor Awissu 09 | 86.75 |

## 6. *BUON ORDNI* F'SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul in-nuqqas ta' *buon ordni* li qed jinħass dan l-aħħar fil-lokalita' ta' Santa Luċija speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħaxija. Issemmew diversi każi ta' storbju u vandaliżmu li seħħu dan l-aħħar. Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa ma' l-Ispettur tal-Pulizija fejn għandhom jiġu diskussi dawn il-problemi u dwar x'jista' jsir biex jiġu ndirizzati.

## 7. PROĠETT *"EUROPE FOR CITIZENS"* F' LUMPIAQUE FI SPANJA

Is-Sindku rrefera għal SLLC *Memo* 18/2009 fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kien ġie mistieden mill-Muniċipalita' ta' Lumpiaque fi Spanja biex jipparteċipa bħala *partner* fil-proġett *"Europe for Citizens"* ta' l-Unjoni Ewropea. Huwa qal li d-dati ta' dan l-avveniment huma bejn il-15 u d-19 ta' Ottubru 2009. Huwa qal li d-delegazzjoni Maltija ser tkun magħmula minn 20 parteċipant li jinkludu erba' membri tal-Kunsill, is-Segretarju tal-Kunsill u numru ta' residenti.

Is-Sindku ta rendikont ta' l-ispejjeż involuti f'din l-inzjattiva. Huwa qal li din hija stima proviżorja peress li s-*subsistance allowance* u l-*contingency allowance* iridu jiġu rritornati lil Kunsill jekk ma' jintużawx skond l-Avviż Legali dwar il-Ġemellaġġi. Huwa qal ukoll li l-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex l-ispejjeż ikunu mill-inqas. Rendikont dettaljat ser jingħata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 8. XOGĦOLIJIET

### 8.1 *Xogħolijiet ta' upgrading ta' bankini u major patching*

Il-Kunsill iddiskuta xi proposti ta' xogħol li saru u kien hemm qbil li ssir b'effett immedjat il-bankina ġdida fi Triq Ġuljetta Lopeż. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir *upgrading* tal-bankina fi Triq l-Għansar quddiem blokk I fejn għandha tittieħed biċċa miċ-ċanta biex jinħolqu *parking bays* għar-residenti. Il-Kunsill qabel ukoll ma' proposta tas-Sindku biex isir xogħol ta' *major patching* ħdejn it-trianglu fi Triq Katerina Vitale.

### 8.2 *Suġġerimenti*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-bżonn ta' żbir ta' siġar fi Triq il-Ġnien u l-*Jogging Track*. Is-Sindku qal li ser isir eżerċizzju ta' żbir fl-*areas* imsemmija.

Il-Kunsill qabel li jsir r-*reserved parking* temporarju quddiem residenza fi Triq ir-Rand.

Fuq suġġeriment ta' resident minn Triq il-Ġnien, il-Kunsill qabel li jsiru żewġ *road signs* f'kull tarf ta' Triq il-Ġnien biex fuqhom jitwaħħal l-isem tat-triq u n-numru tal-blokkijiet li hemm ġo fiha.

**9. TMIEM**

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar t-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2009 fil-5.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** it-Tnejn,

26 **ta'** Ottubru **2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**